# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Magistrat
## Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)

## Seduta mizmuma llum, 5 ta' Ottubru 2016

## Rikors Numru: 149/2015 CSH

## Brian Zammit
**vs**
## Victor Vella

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' l-attur ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Mejju 2015 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' erbat elef, hames mija u tnax il-ewro u hamsin centesmu (€4,512.50) rapprezentanti ammont dovut lilu tax-xoghol fil-gebel u xoghol iehor maghmul minnu fil-proprjeta' tal-konvenut fuq istruzzjonijiet u inkarigu ta' l-istess konvenut u dan kif juri r-rendikont anness u markat bhala Dok BZ1.

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex il-hlas jigi affettwat huwa ghazel li jibqa' inadempjenti. Ghaldaqstant l-attur ma kellux alternattiva ghajr li jipprocedi b'din il-kawza.

Bl-ispejjez u l-interessi sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta tal-konvenut Victor Vella li giet prezentata fit-18 ta' Gunju, 2015 fejn eccepixxa:

"*Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(a) jew Artikolu 2149(a) ta' Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, it-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu ghaliex l-attur kien accetta li kien se jaghmel ix-xoghol u kien se jaghti l-bricks (antiki) lil konvenut minghajr hlas u dan ghaliex, fost affarijiet ohrajn, l-attur kien ha gaffa minghand il-konvenut ghal xahrejn; l-attur ukoll halla it-trakk fil-garaxx tal-konvenut ghal xi sena bla hlas kif ukoll pogga kwantita' ta' tiben u 'felu' (haxix ghaz-zwiemel). Halla ukoll trakk iehor ghal xi sena u ghodda ghand il-konvenut u halla zewg zwiemel u l-konvenut qatt ma zammlu kera.*

*Ghalhekk l-attur ghamel ix-xoghol ta' bricks u gheluq ta' twieqi bhala kumpens lill-konvenut tas-servizzi rezi mill-konvenut lill-attur kif fuq spjegati.*

*Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, il-kont huwa kontestat kif ser jigi spjegat fit-trattazzjoni tal-kawza.*

*Salv eccezzjonijiet ohra."*

Rat l-affidavits ta' Philip Vassallo, ta' Emmanuele Zerafa w tal-konvenut ipprezentati permezz ta' nota mill-istess konvenut nhar l-14 ta' Ottubru, 2015, flimkien ma kopji ta' ricevuti (Dok. VV1), kopja ta' cekk fl-ammont ta' sebat elef Ewro (Dok. VV2) u cekk ta' hames mitt Ewro (DokVV3).

**Philip Vassallo** ddikjara li huwa pensjonant u li jghix gewwa 165, Triq il-Kbira, Mosta. Vassallo kkonferma li kien dam jahdem ma' missier Brian Zammit ghal erba' snin fin-negozju tal-kostruzzjoni li dan kellu, u wara mar

jahdem ma' Brian fl-istess tip ta' negozju fejn kien xufier tat-trakk u kien jghin ukoll fil-kostruzzjoni. Huwa jghid li kien waqaf jahdem ma' Brian Zammit xi sena w nofs qabel. Iddikjara li tul iz-zmien kollu li dam jahdem ma' Brian, kien diehel u hiereg bl-ghodda relatati max-xoghol ta' kostruzzjoni, mir-razzett ta' Victor Vella li jinsab gewwa Maria Bambina, Tal-Qadi, limiti tan-Naxxar, ghalkemm spjega li dan kien isir qabel ma saru xi xoghlijiet ghal Victor Vella. Vella kien itihom il-permess li jhallu l-ghodda kollha, il-van, l-injam kollu, gakkijiet u affarijiet ohra fir-razzett tieghu.

Ix-xhud ftakar li kienu hadmu darbtejn gewwa r-razzett ta' Victor Vella, fejn l-ewwel darba, xi sentejn qabel, kienu ghalqu t-twieqi tal-mahzen ta' Victor bil-brikks uzati li kien hadhom hu stess minn sit ta' bini gewwa l-Gharghur u li mbaghad kien hallihom fir-razzett ta' Victor Vella fuq struzzjonijiet ta' Brian Zammit. Huwa cert li kienu bricks uzati ghaliex kellu joqghod inehhi t-tajn minn fuq kull wahda meta gew biex jaghlqu t-twieqi. Infatti kompla jghid li hu kien ghen fid-darbtejn li saru xoghlijiet ghand Vella w zied li meta ghalqu dawn it-twieqi kienu hallew tlett itwieqi baxxi u tieqa ohra hallewha miftuha. Sussegwentement, wara hafna zmien, kienu bnew kamra zghira bil-brikks. Ikkonferma li Victor Vella kien ghenhom fiz-zewg xoghlijiet u anke li meta bnew il-kamra kienu wzaw il-gaffa ta' Victor stess li kien anke ghenhom. Zied li tul iz-zmien li dam jahdem ma' Brian Zammit, kienu wzaw il-gaffa ta' Victor Vella ghal xoghlijiet ohra wkoll, bhal per ezempju meta ghamlu oqbra fic-cimiterju tan-Naxxar.

Ix-xhud stqarr li huwa kien lavrant ta' Brian u ma kienx jaf xi ftehim hemm bejn Brian u Victor Vella rigward dawn ix-xoghlijiet, pero' jghid li Vella w Zammit kienu hbieb u kienu jghinu lil xulxin.

**Emmanuele Zerafa**, maghruf bhala Leli jghid li ilu jaf lil Brian Zammit minn mindu dan kien tifel zghir u fil-fatt rah jitrabba. Jghid li hu kien jahdem ghal Zammit u kien jaghmel li jghidlu. Iddikjara li waqt li kien jahdem ghal Brian

Zammit kien diehel u hiereg mir-razzett ta' Victor Vella, cioe' Maria Bambina, Tal-Qadi, limiti tan-Naxxar. Kien imur ghaz-zwiemel u ghal maghlef li kienu ta' Brian Zammit u kien johroghom u jerga' jdahhalhom fir-razzett. Ix-xhud jghid li waqaf jahdem ghal Brian Zammit xi sena qabel.

Ftakar li fir-razzett ta' Victor Vella kien hadem fuq bicca xoghol fejn kienu ghalqu t-twieqi ta' mahzen u fuq l-istess bicca xoghol kienu hadmu hu w zewgt irgiel ohra, ragel Ghawdxi jismu Darren u Philip Vasallo maghruf bhala Lippu. Ghalkemm ix-xhud ma ftakarx id-data preciza ta' meta sar dan ix-xoghol, jaf li ghaddew iktar minn tliet snin, u kienu damu biex ghalqu dawn it-twieqi xi jumejn jew tlieta. Spjega li kienu hallew zewgt itwieqi ta' wara baxxi w tieqa ohra u nofs hallewhom miftuhin. Qal li dan ix-xoghol sar bi bricks uzati li Philip Vassallo kien qala' minn post iehor u li qabel ma wzawhom kellhom inehhulhom it-tajn li kellhom imwahhal maghhom. Ix-xhud ftakar li una volta kienu hattew il-brikks, Vella kien saqsa lil Zammit x'kellu jtih taghhom u oltre dan ikkonferma li Zammit kien wiegbu li ma kellu jtih xejn. Qal li ma kienx sorpriz b'din it-twegiba peress li Vella kien jghin lil Zammit u kien sahansitra jippermettilu li jhalli l-ghodda kollha, *container* u felu fil-mahzen tieghu u dan ghal tul ta' zmien. Ix-xhud jghid li hu cert minn dan kollu stante li bhala haddiem ta' Zammit kien diehel u hiereg fir-razzett ta' Victor Vella. Zied li Vella kien anke halliehom juzaw il-gaffa tieghu ghal bicca xoghol fic-cimiterju tan-Naxxar u ohra fil-Gharghur bi pjacir tieghu u bla hlas, u dan ghaliex Zammit u Vella kienu hbieb.

**Il-konvenut Victor Vella** fl-affidavit tieghu a fol. 13 jghid li huwa bidwi w ilu jahdem fir-razzett tieghu li jinsab f'Maria Bambina, Tal-Qadi, limiti tan-Naxxar ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena. Sostna li lil Brian Zammit ilu jafu hames snin u sar jafu meta dan ha z-zwiemel tieghu fir-razzett ta' ma' genbu. Qal li kellu bzonn bicca xoghol tal-bini, w peress li kien sar jaf lil Zammit kien qabbad lil missieru George Zammit jahdilmu. Fil-fatt George Zammit kien bnielu l-mahzen li hemm fir-razzett u hallsu skond ma ftehmu. Il-konvenut esebixxa

ircevuti immarkati bhala Dok. VV1. Il-mahzen inbena skond il-permess, bi twieqi kbar, pero' fix-xitwa beda jidhollu hafna ilma.

Qal li Brian Zammit ghamel zmien twil ihalli l-affarijiet kollha relatati max-xoghol tal-bini w anke z-zwiemel, felu w tiben fir-razzett tieghu, u li allura l-haddiema tieghu kienu dehlin u hergin mir-razzett. Tant hu hekk li l-kaxxa taz-ziemel ghadha fir-razzett. Ftakar li hu kien sahansitra halla lil Zammit juza l-gaffa tieghu ghal bicctejn xoghol, dejjem bla hlas. Skond hu dan sehh qabel ma Zammit hadem fir-razzett.

Kompla li darba minnhom Brian Zammit kien qallu li kellu xi bricks uzati w saqsieh jekk riedhomx. Hu kien saqsieh x'ried taghhom izda dak wiegbu li ma riedx hlas. Qal li peress li kien jidhollu hafna ilma fil-mahzen, kien wiegbu li jekk kienu b'xejn kien lest li johodhom u bihom ried jaghlaq it-twieqi tal-mahzen. Sussegwentement bejn Lulju w Awissu 2012 saqsa lil Brian Zammit biex jaghlaqhomlu bil-brikks uzati li kien tah. Kompla li jiftakar li f'dak iz-zmien kien sellef lil Brian sebat elef Ewro (€7,000) (cekk anness bhala Dok. VV2) u mbaghad hames mija ohra f'Ottubru (cekk anness Dok. VV3).

Il-konvenut qal li ma' Brian Zammit kienu jahdmu Darren Mercieca, Philip Vassallo u Emmanuele Zerafa. Kienu damu tlett ijiem biex ghalqu t-twieqi w peress li l-brikks uzati spiccaw, spiccaw m'ghalquhomx kollha. Qal li z-zewgt itwieqi ta' wara ghalquhom daqsxejn izjed min-nofs, wahda hallewha miftuha w tieqa ohra hallewha miftuha bin-nofs. Il-mahzen fih erbatax-il tieqa w Vella sostna li Zammit kien uza l-*excavator* ghal mhux iktar minn siegha. Ta' dan ix-xoghol Brian Zammit ma ried l-ebda hlas peress li kienu hbieb u girien u dejjem kienu jghinu lil xulxin. Sostna li kien sorpriz ferm meta sar jaf li Zammit ghamel din il-kawza kontrih u inoltre zied li kien biss xi gimghatejn qabel Zammit ghamel din il-kawza li huwa kien ra dan il-kont ghall-ewwel darba.

Il-konvenut kompla li f'April tal-2014, u cioe' snin wara l-bicca xoghol tat-twieqi, Brian Zammit kien bnielu kamra. Insista li bejn bicca xoghol u ohra kienu ghaddew madwar sentejn. Qal li hu stess ghenu fil-bini tal-kamra bil-gaffa tieghu w fil-fatt refa' l-gebel kollu li ntuza, w dan peress li l-haddiema ta' Zammit huma kbar fl-eta' w ma ridux jerfghu.

Il-konvenut kkonferma li Zammit qatt ma raddlu lura l-flus li kien sellfu, w allura kien ghamillu kawza w kien ottjena titolu ezekuttiv. Zied li ftit qabel Brian kien hallsu lura l-ammont li kien sellfu, l-avukat li kellu qabel kien ircieva kont. Iddikjara li z-zewg xoghlijiet li ghamillu Zammit qatt ma tkejlu minn xi perit jew *surveyor*, pero' zied li ma kienx sorpriz b'dan ghaliex qatt ma ppretenda li kien se jibaghtlu xi kont peress li fil-fehma tieghu l-ebda ammont m'hu dovut. Izda malli hareg it-titolu ezekuttiv dwar l-ammont li Zammit kellu jirrifondih, dan kien mar ikejjel il-kamra w ha ritratti tat-twieqi li ghalaq, pero' kien biss wara li gie notifikat b'din il-kawza li ntebah ghala. Ikkonferma li sa dak iz-zmien li l-avukat tieghu kien ircieva l-kont, la qatt ma kien ircieva xejn mill-Qorti w lanqas biss kien ra dak il-kont.

Fis-27 ta' Jannar 2016 il-konvenut **Victor Vella** xehed in kontro-ezami u nsista li meta kien talab lill-attur biex ihallsu, dan kien qallu li ma kienx hemm ghalfejn peress illi qabel kien sellfu xi affarijiet. Ikkonferma li tassew li x-xoghol li kien ghamel kien f'zewg zminijiet differenti. Qal li meta l-attur kien qallu li ma riedx hlas, hu kien fehem li hadha bhala tpacija tax-xoghol li kien ghamillu. Zied li f'dan l-istess zmien kien ukoll sellef xi flus lill-attur. Mistoqsi jekk jaqbilx li mix-xoghol li kien ghamel is-sur Zammit kellu jitnaqqas l-ammont tax-xoghol li kien ghamel hu, il-konvenut qal li ma jaqbilx u ma kien hemm l-ebda ftehim f'dan is-sens. Kompla li meta kien talab lill-attur biex ihallsu s-sebat elef li kellu jtih, dan qatt ma cahad li kellu jtihomlu jew qallu li ma kienx se jhallsu, biss dejjem talbu z-zmien. Ghal darb'ohra nsista li fil-fehma tieghu il-flus li l-attur kien qed jippretendi minghandu, ma kienux dovuti ghaliex effettivament kien ghamillu x-xoghlijiet. Ftakar li fl-istess zmien kien

tah xi tyres minn tieghu u zied jghid li fil-fatt l-attur qatt ma biddel tyres tal-gaffa.

Huwa qal li Zammit kellu xi haddiema mieghu, darba kellu tlieta w darba kellu tnejn. Fuq l-ewwel bicca xoghol li ghamel kien dam qisu tlett ijiem, filwaqt li fuq it-tieni bicca xoghol ghamel xi gimgha u nofs. Sahaq li ma kien hemm l-ebda flus dovuti minnu lill-attur. Mistoqsi kemm kien l-ammont dovut lilu mill-attur, wiegeb li bl-amment ma jistax jghid pero' cert li wara li jaghmlu l-kontijiet zgur li jinstab li hu m'ghandux itih u li filfatt l-attur ghandu jtih iktar milli ghandu jaghti hu lilu. Qal li filfatt l-attur dam juza l-gaffa tieghu ghal perjodu ta' xi xahrejn, inoltre ghamel uzu mit-trakkijiet, zwiemel, tiben, ghodda tal-bennejja u affarijiet ohrajn u jidhirlu li b'dan il-mod huwa kien qed ihallsu. Rega' nsista li qatt ma kien hemm ftehim ta' tpacija bejniethom, anzi zied li xejn mhu dovut ghax filfatt hu baqaghlu jiehu minghand l-attur.

Illi fit-18 ta' Novembru, 2015 xehed **Winston Muscat** li qal li ghandu l-professjoni ta' *quantity surveyor*. Gie muri d-dokument ezebit f'dawn l-atti mmarkat bhala Dokument BC1 a fol. 2 u kkonferma li dan hu dokument mahrug minnu. Spjega illi dan id-dokument jirrapprezenta kejl ta' kamra, liema kamra jew garaxx, tinsab f'Tal-Qadi, limiti tan-Naxxar, il-Maghtab. Stqarr li effettivament hu m'ghamel l-ebda *inspection* f'dan il-post, pero' jaf li kien cempillu Brian Zammit u tah il-qisien tal-hitan. Huwa gharaf lil Brian Zammit prezenti fl-Awla. Kompla li l-ewwel nett kien staqsieh jekk kienx mar xi hadd iehor meta sar il-kejl u dan kien wiegbu li meta kejlu kienu flimkien. Tah il-qisien u ried kont ufficjali skond il-qisien li tah. Ghaldaqstant hariglu l-kont in kwistjoni. Qal li kien tah ukoll ir-rati li ftehmu fuqhom u ghalhekk huwa hadem il-kalkoli abbazi tar-rati li tah. Qal li dan sar fis-sena 2015. Mistoqsi ghaliex fid-dokument ezebit fl-atti a fol. 2 hemm id-data Gunju 2013, wiegeb illi dan kien zball li sussegwentement kien irrangah ezattament fl-24 t'April 2015 fl-ghaxra u nofs u hamsa. Sostna li hija haga normali li ma tmurx fuq il-post meta jkunu kwistjonijiet zghar. Mistoqsi jekk ir-rati li kien ghaddielu

Brian Zammit kienx tahomlu bil-miktub, qal li le w li kollox kien sar fuq it-telefon, pero' zied illi r-rati li tah kienu normali.

Ix-xhud qal li Brian Zammit kien qallu li kien miftihem ma' Victor Vella. Mistoqsi jekk huwa baghatx dawn l-*invoices* lil Victor Vella wkoll, stqarr li ma baghathomlux u li korrispondenza bejnu w bejn Victor Vella ma kienx hemm. Sostna li huwa kien fehem li meta Brian Zammit kien qallu li mar fuq il-post biex ikejjel, kien fil-prezenza ta' Victor Vella, pero' huwa ma kienx prezenti.

Spjega li kien hemm il-bini u alterazzjonijiet mnizzlin bhala *item 1- masonry block work*, u bhala *item 2 - Lump sum work.* Il-materjal mhux imdahhal f'dan il-kont. Din hija fattura biss.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut Victor Vella pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-14 ta' Marzu 2016 (fol. 29) limitatament dwar l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni kif sollevata minnu fir-risposta tieghu.

Rat in-nota responsiva ta' l-attur ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-18 ta' April 2016 ukoll dwar l-eccezzjoni preliminari.

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jiddikjaraw li m'ghandhomx provi ohra xi jresqu dwar l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni.

Rat illi fl-1 ta' Gunju 2016 din il-Qorti ghaddiet biex taghti s-sentenza taghha dwar l-eccezzjoni preliminari fejn iddecidiet li "*qieghda tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2149 (a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tax-xoghol li sar in konnessjoni mal-gheluq tat-twieqi fl-ammont ta' tlett elef, erba' mija u tlieta u sittin ewro u tletin centezmu (€3,463.30) u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-ammont pero' tordna li l-proceduri jitkomplew fir-rigward tat-talba tax-*

*xoghol li sar in konnessjoni mal-bini tal-kamra fl-ammont globali ta' elf u disgha u erbghin ewro u ghoxrin centezmu (€1,049.20)."*

Illi jinghad li s-somma ta' tlett elef, erba' mija u tlieta u sittin ewro u tletin centezmu (€3,463.30) tirrapprezenta l-*blocking of windows* fl-ammont ta' elfejn u erba' mitt ewro (€2,400), excavator fl-ammont ta' erba' mitt ewro (€400) u gurnata xoghol ta' tlett irgiel fl-ammont ta' mija u hamsa u tletin ewro (€135) oltre 18% VAT.

Illi ghalhekk jehtieg li issa tigi deciza il-kwistjoni dwar il-masonry blockworks fl-ammont ta' tmien mija u disgha u tmenin ewro u hmistax-il centezmu (€889.15) oltre l-VAT ta' 18% dovut fuq din l-istess somma fl-ammont ta' mija u sittin ewro u hames centezmi (€160.05), b'kollox ghalhekk il-bilanc huwa ta' elf u disgha u erbghin ewro u ghoxrin centezmu (€1,049.20).

Jirrizulta mix-xhieda tal-attur li huwa kien bena kamra zghira fir-razzett tal-konvenut li tlestiet fi ftit jiem. Il-konvenut Victor Vella jghid fl-affidavit tieghu a fol. 13 li huwa kien talab lill-attur sabiex jibnilu kamra u dan kien f'April 2014. Jghid ukoll li kien ghen lill-istess attur sabiex jibniha u in oltre jghid li surveyor l-attur qatt ma baghat sabiex ikejjel ix-xoghol pero' jghid li l-attur kien mar fir-razzett tieghu u gibed xi ritratti. Ikkonferma li kien ra l-kont relattiv ghall-ewwel darba xi gimghatejn qabel ma rcieva l-atti ta' din il-kawza. Philip Vassallo prodott mill-attur ukoll jikkonferma li kien ghamel xi xoghol ta' gheluq ta' twieqi xi sentejn qabel ma nbniet il-kamra fil-proprjeta' tal-konvenut. Ikkonferma li kien ghadda zmien konsiderevoli bejn bicca xoghol u ohra. Emmanuel Zerafa wkoll jikkonferma li kien ghadda zmien konsiderevoli bejn l-ewwel u t-tieni bicca xoghol. Jghid li ghaddew minimu ta' tlett snin u ghalhekk zgur li tali xoghol ma setghax sar qabel is-sena 2014. Illi din il-kawza giet istitwita f'Mejju 2015 u ghalhekk zgur li tali azzjoni mhix preskritta f'dan ir-rigward tal-bini tal-kamra u cioe' tal-kont ta' elf u disgha u erbghin ewro u ghoxrin centezmu (€1,049.20).

Illi l-konvenut jghid li m'ghandu jaghti xejn lill-attur ghaliex effettivament huwa kien ghenu f'dan ix-xoghol, l-attur kien uza l-gaffa tieghu u li kien tah numru ta' bricks gja wzati ghall-bini in kwistjoni oltre li hallieh juza l-ingenji tieghu f'okkazzjonijiet ohra. In oltre l-konvenut jghid kif del resto huwa anke konfermat minn Emmanuele Zerafa li l-attur kien ihalli l-ghodda tieghu kollha fil-mahzen tal-konvenut, kien halla container felu u tiben u in oltre l-konvenut kien ukoll ihottlu l-felu b'xejn. In oltre zied jghid ukoll dan Zerafa li l-attur kien ihalli l-vann tax-xoghol, trakk taz-zwiemel u l-ghodda kollha tax-xoghol fir-razzett u fil-mahzen tal-konvenut ghal zmien twil u dan jafu di scienza proprja ghaliex stante li huwa haddiem tal-attur kien jidhol u johrog mir-razzett tal-konvenut. Spjega illi l-konvenut kien anke halla lill-attur juza l-gaffa tieghu in konnessjoni ma' bicca xoghol hdejn ic-cimiterju tan-Naxxar u bicca xoghol ohra l-Gharghur u dan kollu kien ghamlu bi pjacir peress li kienu hbieb.

Fit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut kien eccepixxa t-tpacija ma' xoghol u servizz li l-istess konvenut kien ta lill-attur.

Illi dwar ir-regoli ta' tpacija li ssehh *ipso iure* l-**Artikolu 1196 tal-Kapitolu 16** jistabbilixxi li meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom it-tpacija *ipso iure. "Din it-tpacija ssir minghajr ma jkunu jafu d-debituri jekk ikunu jezistu zewgt' idjun fi zmien wiehed, u d-djun jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs.* ***L-artikolu 1197 tal-Kap 16*** *jistabbilixxi li t-tpacija ssir biss bejn zewgt' idjun li jkollhom somma ta' flus ...li jkunu it-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu."*

Il-Qorti taghmel refernza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '**<u>Salvino Farrugia et vs Exalco Holdings Limited'</u>** deciza fis-7 ta' Marzu 2012 fejn inghad li: *"l-liġi tagħna tagħraf żewġ għamliet ta' tpaċija: dik ex lege u dik konvenzjonali, li ma toqgħodx għar-regoli tal-ewwel forma, imma*

*tiddependi biss mir-rieda tal-partijiet li jiftehmuha*[1]*. Biex tista' sseħħ it-tpaċija legali jeħtieġ jintwera li (a) jkun hemm żewġ djun fl-istess waqt (ukoll jekk mhux tal-istess qies jew valur), (b) li jirreferu għal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reċiprokament ta' xulxin, (ċ) li jkunu omoġenji (jiġifieri, jkollhom bħala oġġett il-ħlas ta' flus jew ħaġa oħra funġibbli); (d) li jkunu likwidi jew jistgħu jkunu likwidati bla taħbit kbir u jkunu ċerti wkoll f'dik li hija kwantita', u (e) li d-djun ikunu dovuti jew jistgħu jintalbu*[2]*;*

*Illi fir-rigward tad-djun li joqtlu 'l xulxin, id-duttrina tisħaq li biex isseħħ it-tpaċija jeħtieġ li tintwera "l'autonomia dei contrapposti rapporti di credito". Għalhekk il-liġi trid li jkun hemm żewġt idjun separati, u mhux rapport wieħed li minnu jitnisslu pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet. Kemm hu hekk, ingħad b'awtorita' interpretativa li "La compensazione suppone l'autonomia dei rapporti ai quali i debiti delle parti si riferiscono, con la conseguenza che, quando si tratti invece di un unico rapporto, o di rapporti accessori, la controversia si traduce in un accertamento di dare e avere, e cioe' in una sorta di complesso conteggio, a proposito del quale non puo' parlarsi di compensazione in senso tecnico"*[3]*;*

Illi fis-sentenza "**Onor. Carm Lino Spiteri vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici**" (A.C. (H.H.) 25 ta' Jannar 1988 –LXXII.iii. 157 inghad illi *"nfatti kif deciz minn din il-Qorti fl-14 ta' Jannar 1995 fil-kawza "***G. Schembri vs G. Chircop***"' ma jistax ikun hemm kompensazzjoni meta z-zewg debiti ma jkunux likwidi u esigibbli (Vol. XXXIII.i.614; XXXI.i.8), b'mod illi la darba l-kreditu pretiz mill-konvenut mhux likwidu u esigibbli, huwa ma jistax jeceppixxi l-kompensazzjoni Cit Nru: 692/95/RCP* 13 *31 ta' Jannar 2002 (RCP).*

---

[1] Kumm.**26.11.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Merċieca noe vs Debono noe et*** (Kollez. Vol: **LXVIII.iv.235**)
[2] Art 1197 tal-Kap 16
[3] Pescatore e Ruperto *Codice Civile Annotato* (7th Ediz.), paġ. 1164

*U ghalkemm il-likwidita' ta' zewg krediti m'hix estrem essenzjali ghall-kompensazzjoni gudizzjali, b'danakollu, meta l-likwidazzjoni tal-kreditu dedott b'kompensazzjoni mhux facli u ma tistax issir malajr…. Din il-kompensazzjoni m'ghandhiex tigi facilment accettata mit-tribunali (Vol. XVII.iii.4).*

Illi fil-kawza "**Paul Abela *nomine* *vs* Paul Laferla *nomine***" (A.C. 18 ta' Mejju 1953) addirittura nghad li *"ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha 'ipso iure' ghar-rigward ta' krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra".*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta li l-ilmenti tal-konvenut dwar ix-xoghol li sar mill-attur ghall-konvenut fil-prorpjeta' tieghu ma jistghu qatt jinkwadraw ruhhom fil-kuncett ta' kompensazzjoni fil-kawza odjerna kif donnu sostna l-istess konvenut, stante li z-zewg krediti rispettivi jridu jkunu jezistu bejn l-istess zewg persuni guridici, b'dan li l-persuna medessima tkun kreditur u debitur fl-istess hin tal-istess persuna; f'dan iI-kaz wiehed invece qed jikkonsidra kreditu ta' l-attur *vis-à-vis* il-konvenut, u allegazzjonji ta' kreditu mill-konvenut personalment kontra l-attur, li certament ma jidholx fil-parametri tat-tpacija *ipso iure*. Illi zgur li l-allegat kreditu tal-konvenut mhux wiehed likwidu u ghalhekk ma jistax jinghad mill-konvenut li hemm tpacija.

Illi l-konvenut ma jikkontestax l-ammont mitlub mill-attur u ghalhekk fin-nuqqas ta' prova kuntrarja din il-Qorti ser takkolji t-talba tal-attur fir-rigward ta' l-ammont ridott ta' elf u disgha u erbghin ewro u ghoxrin centezmu (€1,049.20).

**Ghaldaqstant, din il-Qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tas-somma ta' tlett elef, erba' mija u tlieta u sittin ewro u tletin centezmu (€3,463.30), tichadha fir-rigward tal-ammont restanti ta' elf u disgha u erbghin ewro u ghoxrin centezmu (€1,049.20) u tichad l-eccezzjoni ta' tpacija u tilqa' it-talba ta' l-attur sabiex tikkundanna lill-konvenut**

**ihallsu somma ridotta ta' elf u disgha u erbghin ewro u ghoxrin centezmu (€1,049.20).**

**L-imghax jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tar-rikors promotur u l-ispejjez jithallsu in kwantu ghal zewg terzi mill-attur u terz mill-konvenut.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**